MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 2103/2004

**Mario Vella**

**Vs**

**Patrick Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn l-attur talab lil dan l-Onorabbli Tribunal joghbu jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallsu s-somma ta' elf u tnejn u sittin lira Maltin (Lm1,062) rapprezentanti l-import ta' hlasijiet effettwati mill-attur fix-xhur ta' Frar, Marzu, April, Mejju, Gunju, Lulju, awissu, Settembru u Ottubru tas-sena 2004 fis-somma ta' mija u tmintax-il lira Maltija (Lm118) kull pagament fir-rigward tal-'loan account' numru 688006139 mal-HSBC Bank Malta plc, liema 'loan', skont ftehim vigenti bejn il-kontendenti, kien ittiehed sabiex jigi assunt dejn tas-socjeta' Target Trading Limited, l-ishma ta' liema gew trasferiti lill-konvenut fl-intier taghhom u liema 'loan', skond ftehim vigenti bejn il-kontendenti illi l-konvenut kien onora ghal zmien twil, kellu jigi saldat mill-konvenut ghalkemm inhareg f'isem l-attur, bl-ispejjez kollha inkluz tal-ittra ufficjali

datata 30 ta' Settembru, 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-hlas effettiv mill-konvenut kontra l-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fid-29 ta' April, 2005 fejn eccepixxa:

1. It-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut mhux biss m'ghandux ihallas l-ammont pretiz kif sejjer jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' dan il-kaz stante illi dan mhux dovut izda l-istess konvenut istitwixxa procedure gudizzjarji separati fl-1 ta' Frar, 2005 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) [Avviz Nru: 55/2005 MM] fejn qed jitlob is-somma ta' elfejn, disa' mija u hamsin Lira Maltin (Lm2,950) minghand l-attur;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Xehed l-attur Mario Vella permezz ta' affidavit ipprezentat fl-10 ta' April, 2006 fejn l-attur spjega illi kellu hanut flimkien ma missieru 'Video Art'. Wara kien inghaqad mal-konvenut fejn tkompla jintuza l-hanut tal-attur, l-expertise tal-konvenut fil-komputer u l-expertise dwar apparat viziv tal-attur kienu gew iffornati tlett kumpanija 'Target Trading Ltd, Video Art Ltd u MVPC Holdings Ltd. Il-kumpanija Target Trading Ltd li taghha l-konvenut kien Managing Director kellha overdraft inizjali ta' erbat elef Lira Maltin (Lm 4,000) li imbaghad tela ghal ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000). Maz-zmien inqalghu l-problemi u l-overdraft kien in excess u ghalhekk il-bank esiga illi l-overdraft jinqaleb fl-'loan' personali fuq il-partijiet fl-ammont ta' disa' t'elef lira Maltin (Lm9,000) kull wiehed. B'hekk bdew ihallsu l-ammont ta' mija u tmintax-il lira Maltin (Lm118) fix-xahar kull wiehed. L-attur zied jghid ukoll illi peress illi l-kumpaniji kienu sejrin hazing hu lanqas salarju ma kien jiehu filwaqt illi l-konvenut kien jircievi salarju. Is-salarju tal-attur kien jitpogga on account. Maz-zmien gie pocut meta l-attur xtara xi haga minghand il-kumpanija.

Ghadda z-zmien u l-partijiet iddecidew li jinfirdu. L-attur zamm il-hanut, b'li kien hemm go fih kemm assi kif ukoll dejn, u l-konvenut jiehu l-kumpaniji Target Trading Ltd u MVPC Ltd b'kull ma kellhom. L-attur ha d-dejn tal-hanut u l-konvenut ha d-dejn li kellhom il-kumpaniji. Rigward id-dejn li l-partijiet kellhom b'mod personali kien gej min Target Trading ltd, dan id-dejn baqa' jitqies bhala dejn tal-kumpanija Target u ghalhekk meta l-partijiet infirdu l- ftehiem verbali kien illi dan id-dejn jithallas mill-konvenut. Gara pero' illi l-konvenut ma kellux jaghmel tajjeb ghal dan id-dejn li kien fuq isem l-attur u l-bank ma riedx jaqilbu fuq cioe il-konvenut. Ghalhekk verbalment rega kien hem mil-

fteheim illi filwaqt illi d-dejn jibqa' fuq isem l-attur, dan jitkompla jithallas mill-konvenut. Filfatt hekk beda jigri wara li l-partijiet infirdu.

Dan il-fatt xehedu wkoll Charles Cassano l-accountant tal-konvenut. Illi qal li d-dejn tal-attur kien ihallsu l-konvenut u meta kien hemm zmien li nqabez pagament il-konvenut baghat lil istess Charles Cassani fil-hanut tal-attur biex jghatih il-pagament peress illi inqabez. L-accountant dejjem ghamel dan fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

L-attur spjega wkoll illi minkejja li l-partijiet ghamlu dan il-fteheim verbali, l-konvenut ma ffirmax il-ftehim dettaljat izda ffirma fteheim li ma kienx dettaljat.

Xehed rapprezentant tal-Bank.

Xehed ukoll Raymond Vella miessier l-attur li huwa ukoll accountant u awdotur tal-attur. Dan ix-xhud ikkonferma dak li spjega ibnu Mario Vella.

Il-konvenut ma ressaq ebda prova.

It-Tribunal jinnota illi din il-kawza infethet f'Novembru tas-sena 2007. Fis-sena 2005 infethet kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk il-partijiet talbu illi din il-kawza tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra. Pero it-Tribunal ghaxar snin wara li nfethet il-kawza quddiemu ghadu jistenna kawza ohra li ilha tlett snin ghas-sentenza.

L-idea tat-Tribunal Ghall-Talbiet Zghar mhix li jkollu kawza quddiemu li ddum ghaxar snin meta filfatt il-kawzi quddiem it-Tribunal ghandhom jinqatghu fi ftit seduti. It-Tribunal ihoss illi ghaxar snin huwa zmien twil wisq biex kawza tibqa pendent quddiem Tribunal li mheggeg biex ma jhallix kawzi quddiemu jittwalu.

Ghal din ir-ragni t-Tribunal iqis illi mill-provi li tressqu quddiemu jidher illi l-konvenut minkejja li ma ffirmax l-iskrittura dettaljata li fiha kien hemm imnizzel li d-dejn fuq isem l-attur li kien gej minn overdraft tal-kumpanija Target Trading Ltd kellu jigi assunt mill-konvenut, dan xorta beda jesegwixxi dan il-ftehim verbali billi wara li l-partijiet infirdu beda jhallas hu d-dejn tal-overdraft li jghajjat lil attur.

Il-konferma tal-accountant Cassano li l-konvenut kieb qed ihallas dan id-dejn jghin biex juri li l-konvenut kien accetta b'mod tacitu l-ftehim verbali minkejja li ma ffirmax, agixxa biex iwettqu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' it-talba attrici ghal hlas ta' mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm1,062) ekwivalenti ghal elfejn erba' mija erbgha u sebghin ewro u sitta u erbghin centezmu (€2,474.47) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------